II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/363

**tal-24 ta' Jannar 2022**

**li jemenda u jikkoreġi l-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 fir-rigward tal-listi ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1), il-punt (b), tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 127(2),

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625 ([3]) jistabbilixxi r-rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem minn pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom, biex jiżgura li dawn jikkonformaw mar-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fir-regoli dwar is-sikurezza tal-ikel imsemmija fl-Artikolu 1(2)(a) tar-Regolament (UE) 2017/625 jew mar-rekwiżiti rikonoxxuti li huma tal-inqas ekwivalenti. B'mod partikolari, id-dħul fl-Unjoni ta' dawk l-oġġetti u l-annimali huwa soġġett għar-rekwiżit li dawn ikunu ġejjin minn pajjiż terz jew reġjun tiegħu li jkun inkluż f'lista f'konformità mal-Artikolu 126(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2017/625.

([1]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.
([2]) ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.
([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625 tal-4 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 18).

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/405 ([4]) jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi u reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem f'konformità mal-Artikolu 126(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2017/625. L-Anness IX ta' dak ir-Regolament jistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' ċerti prodotti tas-sajd, fosthom prodotti mill-akkwakultura.

(3) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/367 ([5]) inkludiet lill-Belarussja, lil Iżrael ([6]), lill-Moldova, lill-Iżvizzera, lit-Turkija, lill-Emirati Għarab Magħquda, u lill-Urugwaj fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE ([7]) għas-subkategorija "kavjar (prodott tal-ħut bil-pinen)" fil-kategorija "prodotti tal-akkwakultura". Għalhekk, jixraq li dawk il-pajjiżi terzi jiġu inklużi fl-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 bir-rimarka "Akkwakultura: kavjar (prodotti tal-ħut bil-pinen)".

(4) Il-Kanada, iċ-Ċina u l-Istati Uniti kienu elenkati qabel għall-"akkwakultura" fl-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE u kienu qed jesportaw il-kavjar li joriġina mill-akkwakultura fuq din il-bażi. Il-pjan ta' monitoraġġ tar-residwi għall-ħut bil-pinen li dawn ippreżentaw kien konformi mar-rekwiżiti ġenerali tal-Unjoni għall-akkwakultura u kien ikopri wkoll il-kavjar. Għalhekk, dawk il-pajjiżi terzi tħallew barra mil-lista tal-"prodotti tal-ħut bil-pinen (eż. kavjar)" fl-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE kif emendata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2315. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/367 inkludiet lill-Kanada, liċ-Ċina u lill-Istati Uniti fl-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE għas-subkategorija "kavjar (prodott tal-ħut bil-pinen)" fil-kategorija "prodotti tal-akkwakultura". Għalhekk, jixraq li dawk il-pajjiżi terzi jiġu inklużi fl-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 għall-prodotti tas-sajd kollha fil-kategorija tal-akkwakultura.

(5) L-Oman tneħħa mil-lista tal-pajjiżi eliġibbli għall-prodotti tal-akkwakultura fl-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2315 ([8]) għax il-programm approvat tal-Oman ta' monitoraġġ tar-residwi ma kienx sodisfaċenti. L-Oman tneħħa mill-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/34 ([9]) għall-prodotti tal-akkwakultura, iżda anke, b'mod involontarju, għall-ħut selvaġġ maqbud, li ma jeħtieġx programm ta' monitoraġġ tar-residwi. Għalhekk, l-entrata għall-Oman għall-ħut selvaġġ maqbud fl-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 jeħtieġ li tiġi kkoreġuta.

(6) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 jiġi emendat u kkoreġut skont dan.

(7) Biex jitnaqqas kemm jista' jkun it-tfixkil fil-kummerċ u jkunu żgurati ċ-ċertezza legali u l-konsistenza mad-Deċiżjoni 2011/163/UE, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ b'mod urġenti.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

---

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/405 tat-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 118).

([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/367 tat-2 ta' Marzu 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2011/163/UE dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (ara l-paġna 107 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

([6]) Minn hawn 'il quddiem mifhum bħala l-Istat ta' Iżrael, għajr it-territorji li ilhom fl-amministrazzjoni ta' Iżrael minn Ġunju 1967, jiġifieri l-Għoljiet ta' Golan, l-Istrixxa ta' Gaża, Ġerusalemm tal-Lvant u l-bqija tax-Xatt tal-Punent.

([7]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE tas-16 ta' Marzu 2011 dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (ĠU L 70, 17.3.2011, p. 40).

([8]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2315 tas-17 ta' Diċembru 2021 li temenda d-Deċiżjoni 2011/163/UE dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (ĠU L 464, 28.12.2021, p. 17).

([9]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/34 tat-22 ta' Diċembru 2021 li jemenda l-Annessi III, VIII, IX u XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 fir-rigward tal-listi ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti għasafar tal-kaċċa salvaġġi maħsuba għall-konsum mill-bniedem, ta' kunsinni ta' ċerti molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi tal-baħar, ta ċerti prodotti tas-sajd, u tal-koxox taż-żrinġijiet u tal-bebbux u li jħassar id-Deċiżjoni 2007/82/KE (ĠU L 8, 13.1.2022, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Jannar 2022.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

L-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 huwa emendat kif ġej:

(a) l-entrata tal-Emirati Għarab Magħquda hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | |
|---|---|---|
| "AE | L-Emirati Għarab Magħquda | Akkwakultura: ħut bil-pinen u kavjar (prodott tal-ħut bil-pinen)<br>Materja prima mill-Istati Membri jew minn pajjiżi terzi oħra biss approvata għall-importazzjonijiet ta' din il-materja prima fl-Unjoni" |

(b) l-entrata tal-Belarussja hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | |
|---|---|---|
| "BY | Il-Belarussja | Akkwakultura: ħut bil-pinen u kavjar (prodott tal-ħut bil-pinen)" |

(c) l-entrata tal-Belarussja hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | |
|---|---|---|
| "CA | Il-Kanada (*) | |

(*) Dawn il-pajjiżi terzi jew ir-reġjuni tagħhom jistgħu jesportaw il-prodotti tas-sajd kollha (ħut bil-pinen, kavjar (prodotti tal-ħut bil-pinen) u krustaċji)."

(d) l-entrata tal-Belarussja hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | |
|---|---|---|
| "CH | L-Iżvizzera (*) | Akkwakultura: ħut bil-pinen u kavjar (prodott tal-ħut bil-pinen) |

(*) F'konformità mal-Ftehim tal-21 ta' Ġunju 1999 bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar kummerċ tal-prodotti agrikoli (ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132)."

(e) l-entrata tal-Belarussja hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | |
|---|---|---|
| "CN | Iċ-Ċina (*) | |

(*) Dawn il-pajjiżi terzi jew ir-reġjuni tagħhom jistgħu jesportaw il-prodotti tas-sajd kollha (ħut bil-pinen, kavjar (prodotti tal-ħut bil-pinen) u krustaċji)."

(f) l-entrata tal-Belarussja hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | |
|---|---|---|
| "IL | Iżrael (*) | Akkwakultura: ħut bil-pinen u kavjar (prodott tal-ħut bil-pinen) |

(*) Minn hawn 'il quddiem mifhum bħala l-Istat ta' Iżrael, għajr it-territorji li ilhom fl-amministrazzjoni ta' Iżrael minn Ġunju 1967, jiġifieri l-Għoljiet ta' Golan, l-Istrixxa ta' Gaża, Ġerusalemm tal-Lvant u l-bqija tax-Xatt tal-Punent."

(g) l-entrata tal-Belarussja hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | |
|---|---|---|
| "MD | Il-Moldova | Akkwakultura: ħut bil-pinen u kavjar (prodott tal-ħut bil-pinen)" |

(h) din l-entrata li ġejja tiddaħħal bejn l-entrati ta' New Zealand u l-Panama:

| | | |
|---|---|---|
| "OM | L-Oman | Kaċċa salvaġġa biss" |

(i) l-entrata tal-Belarussja hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | |
|---|---|---|
| "TR | It-Turkija | Akkwakultura: ħut bil-pinen u kavjar (prodott tal-ħut bil-pinen)"; |

(j) l-entrata tal-Istati Uniti hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | |
|---|---|---|
| "US | L-Istati Uniti (*) | |

(*) Dawn il-pajjiżi terzi jew ir-reġjuni tagħhom jistgħu jesportaw il-prodotti tas-sajd kollha (ħut bil-pinen, kavjar (prodotti tal-ħut bil-pinen) u krustaċji)."

(k) l-entrata tal-Belarussja hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | |
|---|---|---|
| "UY | L-Urugwaj | Akkwakultura: ħut bil-pinen u kavjar (prodott tal-ħut bil-pinen)" |